

Brussell, 13 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7457/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0076(NLE)**

PECHE 115

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 135 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 135 final.

Mehmuż: COM(2019) 135 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2019
COM(2019) 135 final

2019/0076 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni
Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja. Fi tmiem dawn in-negozjati, fid-19 ta' Ottubru 2018 in-negozjaturu inizjalaw Ftehim u Protokoll. Il-Ftehim il-ġdid iħassar il-Ftehim eżistenti li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987 u jodlu postu, u jkopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, li jiġġedded b'mod taċitu. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 13, jiġifieri mid-data meta l-Partijiet jiffirmawh.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-għan ewlieni tal-Ftehim il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta¹ u tad-dimensjoni esterna tagħha ħalli tinholq sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja fil-qasam tas-sajd.

Il-Protokoll għandu l-għan li lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gambja, filwaqt li jqis il-valutazzjonijiet xjentifiċi disponibbli, b'mod partikulari dawk tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF), u skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT), fil-limiti taż-żejjed disponibbli. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni se jset il-pożizzjoni tagħha fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni li għamlu esperti esterni u li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandhomx jiġu konklużi Ftehim u Protokoll ġodda. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ħalli jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;
- 10 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;
- tliet bastimenti tat-tkarkir (li jintużaw għas-sajd għall-merluzz l-iswed, li huwa speċi ta' ħut tal-qiegħ tal-baħar fond).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Gambja jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni mal-pajjiżi AKP u jqis, b'mod partikulari, l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(2) tiegħu jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd u l-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu jstabbilixxi l-istadju kkonċernat tal-proċedura ta' negozjar u ta' konklużjoni tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

¹ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-għan li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridiku, ambjentali, ekonomiku u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' daww id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali hija ta' EUR 550 000, abbażi ta':

(a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja ta' EUR 275 000, li huwa ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 3 300 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet li jpassu ħafna;

(b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gambja, li huwa ta' EUR 275 000 fis-sena. Dan l-appoġġ jilħaq l-għanijiet tal-politika nazzjonali tal-Gambja b'rabta mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd kontinentali u tal-baħar.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Protokoll inkluż fil-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") f'isem l-Unjoni Ewropea, kif ukoll Protokoll ġdid ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew inizzjalati fi tmiem dawn in-negozjati, fid-19 ta' Ottubru 2018.
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' qabel li kien ġie konkluż bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja fuq sajd 'il barra mill-Gambja, li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.
- (4) Il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija u l-Protokoll ġew iffirmati fil-... [*daħħal id-data meta ġew iffirmati*] skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/.../UE³.
- (5) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll bdew japplikaw b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tagħhom.
- (6) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (7) L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 5, 6 u 8 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi tal-Protokoll. Sabiex teħfief l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet,

²

³ ĠU L ..., ..., p. .

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") b'dan huma approvati f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

Artikolu 2

Skont id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll li jadotta l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija u fl-Artikolu 16 tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat b'dawk l-atti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*